

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 1306/2013 u l-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kalkolu tal-Korrezzjonijiet Finanzjarji fil-Kuntest tal-Proċeduri ta' Approvazzjoni tal-Konformità u tal-Clearance tal-Kontijet (C (2015) 3675 tat-8 ta' Ġunju 2015). Minn dawn il-Linji Gwida u mill-prinċipju ta' proporzjonalità, li huwa indikat ukoll fl-Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 1306/2013, jirriżulta b'mod ċar li l-korrezzjoni b'rata fissa imposta ma hijiex iż-ġġustifikata jew proporzjonata. La l-estent tal-allegat ksur, fir-rigward tan-natura u tal-portata tiegħu, u lanqas id-dannu finanzjarju li l-ksur seta' kkawża lill-Unjoni Ewropea ma jistgħu iż-ġġustifikaw korrezzjoni b'rata fissa ta' 5 % ikkalkolata fuq il-bażi tal-merghħat kollha li kienu suġġetti għal aġġornament tal-immaġni matul il-perijodu bejn l-2016 u l-2018, ekwivalenti għas-somma ta' EUR 13 856 996,64. Il-korrezzjoni b'rata fissa inkwistjoni fid-deċiżjoni kkontestata hija għalhekk inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet indikati iktar 'il fuq u mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

(¹) ĠU 2022 L 157, p. 15.

(²) Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83).

(³) ĠU 2014, L 227, p. 69.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2022 – Zitro International vs EUIPO – e-gaming (Smiley liebes top hat)

(Kawża T-491/22)

(2022/C 380/25)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Zitro International Sàrl (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: e-gaming s. r. o. (Praga, ir-Repubblika Ċeka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjużu: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjużu kkonċernata: Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' smiley liebes top hat) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 884 680

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Mejju 2022 fil-Każ R 2005/2021-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO kif ukoll lil kull persuna li topponi dan ir-rikors għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.